

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/810/PESK**tal-20 ta' Diċembru 2012****li temenda d-Deċiżjoni 2011/235/PESK dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fil-kuntest tas-sitwazzjoni fl-Iran**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Il-paragrafu li ġej huwa b'dan miżjud fl-Artikolu 2b tad-Deċiżjoni 2011/235/PESK:

Billi:

- (1) Fit-12 ta' April 2011, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2011/235/PESK ⁽¹⁾.
- (2) Għandu jiġi speċifikat li l-projbizzjoni tal-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li jista' jintuża għal ripressjoni interna fl-Iran ma tapplikax jekk il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tali tagħmir huma maħsubin biss għall-użu protettiv tal-persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-Iran, jew l-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħra jew ta' finanzjament jew assistenza finanzjarja relatati ma' tali tagħmir.
- (3) Id-Deċiżjoni 2011/235/PESK għandha għalhekk tiġi emendata kif meħtieġ,

“3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni ta' tagħmir li huwa maħsub biss għall-użu protettiv tal-persunal tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fl-Iran, jew għall-għoti ta' assistenza teknika, servizzi ta' senserija u servizzi oħra jew ta' finanzjament u assistenza finanzjarja relatati ma' tali tagħmir, kif approvati minn qabel mill-awtorità kompetenti rilevanti.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2012.

*Għall-Kunsill**Il-President*

E. FLOURENTZOU

⁽¹⁾ ĠU L 100, 14.4.2011, p. 51.